VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,004, 18 ta' Diċembru, 2012
Taqsima B

A.L. 450 tal-2012

ATT DWAR L-I*SPORTS*
(KAP. 455)

Ordni tal-2012 dwar il-Kunsill Malti għall-I*sport* (Trasferiment ta' Proprjetà Assenjata) (Nru. 8)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 16 tal-Att dwar l-I*sports*, il-President ta' Malta għamel l-ordni li ġej:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dan l-ordni hu Ordni tal-2012 dwar il-Kunsill Malti għall-I*sport* (Trasferiment ta' Proprjetà Assenjata) (Nru. 8).

Proprjetà assenjata.

Kap. 455.

2. Il-proprjetà deskritta fl-artikolu 4 hi b'dan assenjata għall-finijiet tat-tgawdija, pussess, użu u amministrazzjoni tad-drittijiet u obbligazzjonijiet li jappartjenu għal dik il-proprjetà assenjata skont l-artikolu 16 tal-Att dwar l-I*sports*.


Jum stabbilit.

3. Il-proprjetà assenjata fl-artikolu 2 għandha tiġi trasferita u tkun vestita fil-Kunsill Malti għall-I*sport* kif provdut fl-imsemmi artikolu b'seħħ mill-1 ta' Jannar, 2013.

Deskrizzjoni ta' proprjetà assenjata.

4. Il-proprjetà msemmija fl-artikolu 2 ta' dan l-ordni hi din li ġejja, jiġifieri:

Sit fi Triq Għajn Dwieli fil-Fgura reġistrata bħala proprjetà nru. E26998, tal-kejl ta' madwar 31,955 metru kwadru, li tmiss mill-Grigal ma' Triq Għajn Dwieli, mix-Xlokk parti ma' proprjetà tal-Gvern u in parti ma' proprjeta' mhux tal-Gvern u mil-Lbiċ ma' proprjetà mhux tal-Gvern, kif delineata bl-aħmar fuq il-pjanta P.D. nru. 2012_894.


GOVERNMENT PROPERTY DEPARTMENT
ESTATE MANAGEMENT DIRECTORATE
LOCALITY: FGURA
P.D. No: 2012_894
SCALE 1:2500
FILE: L514/80/1
DRAWN BY: FALZ5002
(sgd. S. Scotto)
A&CE
DATE: 12/11/2012
(sgd. R. Camilleri)
Director Estate Management
DATE: 12/11/2012
PROPERTY No.: E26998
AREA : 31,955m²
SUBJECT TO EXISTING SERVITUDES
SITE AT
TRIQ GHAJN DWIELI
FGURA
Tal-Ħoss
Ta' Ġerman
Il-Bajjada
Scale 1:2500
EXTENT INTERPRETED FROM TENEMENTS LAYER